


# Rikmandazzjoniet għal Ewropa ġusta u ugwali:

# Nibnu mill-ġdid is-soċjetajiet tagħna wara l-Covid-19

**Equinet**, in-Network Ewropew tal-Korpi dwar l-Ugwaljanza:

**Jirrikonoxxi** li l-kriżi fis-saħħa pubblika kkawżata mill- COVID-19 u li l-miżuri li ttieħdu mill-gvernijiet biex jindirizzawha mhumiex newtrali; dawn jaffettwaw xi wħud fl-Ewropa aktar minn oħrajn, b'effetti sproporzjonalment negattivi fuq ċerti gruppi, li ħafna drabi jkunu diġà f'pożizzjoni soċjo-ekonomika żvantaġġata u f'riskju ta' diskriminazzjoni;

**Jirrikonoxxi** li hemm riskju ċar ta' tnaqqis ekonomiku u kriżi soċjali serja li se tkompli tolqot l-Ewropa fix-xhur u fis-snin li ġejjin; u li dan jista' jwassal għal żieda fid-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi jekk ma jkunx hemm politiki b'saħħithom favur l-ugwaljanza, il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi u azzjoniijiet meħtieġa fuq livelli Ewropej, internazzjonali, nazzjonali u lokali;

**Jinnota** li l-konsegwenzi diżastrużi tar-riċessjoni tal-2008, b'żieda fl-inugwaljanzi, fil-faqar, fil-populiżmu, fid-diskriminazzjoni u fid-diskors ta' mibegħda, jipprovdu imperattiv biex ikun hemm rispons aħjar għal tali kriżijiet u jsostnu l-importanza li tinbena Ewropa ġusta u ugwali wara l-kriżi;

**Jilqa'** l-impenn tal-UE biex tiżgura li l-ugwaljanza tkun fil-qalba tal-irkupru;

**Jirrikonoxxi** li t-tfassil ta' soċjetajiet ikkaratterizzati minn ugwaljanza u solidarjetà isaħħaħ ukoll ir-reżiljenza tas-soċjetajiet għal kriżijiet futuri;

**Ifakkar** li t-trattament ugwali u n-non-diskriminazzjoni huma l-pedamenti tas-sistema universali tad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea u l-kostituzzjonijiet nazzjonali; u li din il-kriżi hija test kruċjali tal-impenn lejn dawn il-valuri;

**Ifakkar** li d-dritt għall-ugwaljanza u l-ħelsien mid-diskriminazzjoni huwa l-uniku dritt stipulat f'kull wieħed mid-disa' trattati ewlenin tal-Ġnus Maqgħuda dwar id-drittijiet tal-bniedem u huwa wkoll is-suġġett ta' leġiżlazzjoni obligatorja u ġurisprudenza żviluppata fil-Kunsill tal-Ewropa, l-Unjoni Ewropea u fil-livelli nazzjonali;

**Ifakkar** li l-korpi tal-ugwaljanza huma istituzzjonijiet indipendenti tal-istat imwaqqfa fl-Ewropa kollha biex jippromwovu l-ugwaljanza, jaħdmu sabiex jeliminaw id-diskriminazzjoni u l-fastidju u ħafna drabi għandhom ukoll il-mandat li jindirizzaw id-diskors ta' mibegħda;

## Equinet jagħmel dawn **ir-rikmandazzjonijiet:**

### Rispons konformi mal-ugwaljanza għal din il-kriżi

**1** It-trattament ugwali u n-non-diskriminazzjoni huma standards minimi komuni u għandhom jiġu rrispettati f'kull ċirkostanza, inkluż fi żminijiet ta' kriżi. Kwalunkwe deroga minn dawn l-istandards minimi tista' tiġi aċċettata biss jekk ikun ippruvat li hija meħtieġa u proporzjonali, interpretata b'mod strett kemm fiż-żmien kif ukoll fl-ambitu u ma tiksirx drittijiet fundamentali bażiċi oħrajn.

**2** L-istituzzjonijiet pubbliċi u l-politiċi kollha għandhom jikkomunikaw b'mod ċar li l-kriżi qatt ma għandha tintuża biex tissospendi d-dritt għall-ugwaljanza u l-ħelsien mid-diskriminazzjoni. Il-kliem u l-azzjonijiet għandhom ikunu xprunati mill-prinċipju tal-ugwaljanza u l-ħarsien mid-diskriminazzjoni ta' kulħadd fis-soċjetà . Ir-rispons għall-kriżi għandu jiżgura l-ħarsien ta' dawk l-iktar vulnerabbli u jiżgura l-aċċess ugwali għas-servizzi pubbliċi essenzjali għal kulħadd.

**3** Fil-kuntest tal-kriżi, l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-mezzi tax-xandir għandhom jevitaw kwalunkwe diskriminazzjoni u diskors ta' mibegħda kontra kwalunkwe grupp, kif ukoll kwalunkwe azzjoni li tista' trewwaħ tali diskriminazzjoni u diskors ta' mibegħda. Dan jinkludi li tiġi evitata d-diskriminazzjoni indiretta permezz ta' miżuri ġenerali, li jidhru newtrali iżda li jħallu effetti sproporzjonalment negattivi fuq ċerti gruppi.

### Lejn Ewropa ġusta u ugwali lil hinn mill-kriżi

**4** L-Ewropa trid tagħmel aktar milli treġġa lura s-sitwazzjoni għal qabel il-kriżi. L-inizjattivi nazzjonali u tal-UE għandhom jimmiraw sabiex jeliminaw il-problemi sistemiċi tal-inugwaljanza u jibnu soċjetajiet ġusti u ugwali bbażati fuq is-solidarjetà. Dan għandu jinkludi l-promozzjoni tal-ugwaljanza, inkluż fl-edukazzjoni, bħala valur komuni u bħala karatteristika ewlenija li tirfed ir-rispons għall-kriżi ekonomika u soċjali u kif ukoll fiċ-ċikli kollha tal-politika ekonomika u soċjali.

**5** Kull miżura u politika ippjanata fuq livell nazzjonali u Ewropew li tindirizza l-kriżi ekonomika u soċjali għandha tkun suġġetta għal valutazzjoni rigoruża u komprensiva tal-impatt tal-ugwaljanza ex ante kif ukoll għall-monitoraġġ ex post tal-impatt tagħhom. Kull investiment tal-UE jew nazzjonali għandu jkun kondizzjonali fuq it-tnaqqis, aktar milli iż-żamma jew iż-żieda f'l-inugwaljanza. Filwaqt li jiftakru fir-regoli tal-protezzjoni tad-data, l-Istati Membri għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom fil-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza sabiex il-politiki jindirizzaw aħjar il-gruppi l-iktar vulnerabbli u jiżguraw evalwazzjoni perjodika tal-effikaċja tal-miżuri.

**6** L-UE u l-pajjiżi kollha għandhom jistabbilixxu u jiffinanzjaw miżuri ffokati, li jinkludu azzjoniiet pożittivi li jtejbu s-sitwazzjoni u l-esperjenza ta' gruppi emarġinati u li jnaqqsu l-inugwaljanzi sabiex b'hekk iwasslu għal Ewropa ġusta u ugwali. Fl-addozzjoni ta' approċċ intersezzjonali, attenzjoni partikolari u riżorsi għandhom jiġu allokati lil dawk l-iktar vulnerabbli mill-gruppi marġinalizzati kollha (pereżempju nisa Roma, nisa Musulmani, persuni anzjani b'diżabilità).

**7** Il-pajjiżi kollha għandhom jinvestu u jsaħħu l-infrastruttura soċjali tagħhom. Dan jinkludi t-tisħiħ tas-sistema ta' protezzjoni soċjali bħala għodda li tnaqqas l-inugwaljanza strutturali, l-iżvilupp ta' infrastruttura ta' kura li tkun mibnija fuq il-valur tal-għajxien indipendenti, u safety net b'saħħitha li tipproteġi kontra kull forma ta' faqar mingħajr ma tħalli lil ħadd jaqa' lura.



**8** L-UE u l-pajjiżi kollha għandhom isaħħu l-leġislazzjoni tagħhom dwar l-ugwaljanza b'mod li jikkonferma l-ugwaljanza bħala valur ċentrali u li juri ambizzjoni li tinkiseb ugwaljanza sħiħa u sostantiva fil-prattika. Dan jinkludi t-twessigħ tal-mandat ta' leġislazzjoni dwar it-trattament ugwali sabiex ikopri d-diskriminazzjoni fl-oqsma kollha tal-ħajja. Il-ħtieġa għal protezzjoni mid-diskriminazzjoni abbażi tal-istat tas-saħħa u l-iżvantaġġi soċjo-ekonomiċi u l-potenzjal diskriminatorju tal-intelliġenza artifiċjali hija enfasizzata sew mill-kriżi attwali.

**9** L-UE u l-pajjiżi kollha għandhom jikkunsidraw użu iktar mifrux ta' responsabbilitajiet statutorji għall-ugwaljanza għal min iħaddem, fornituri ta' servizzi, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa, servizzi soċjali, u tas-settur pubbliku b'mod ġenerali, li jobbligahom iqisu u jimplimentaw l-ugwaljanza fix-xogħol tagħhom, bil-għan li tinkiseb ugwaljanza sħiħa fil-prattika fl-azzjonijiet kollha tagħhom.

**10** L-UE u l-pajjiżi kollha għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza tkun infurzata b'mod effettiv, li jinkludi wkoll it-tisħiħ tal-aċċess għall-ġustizzja lill-vittmi ta' diskriminazzjoni u f'każijiet ta' diskriminazzjoni tinkludi wkoll evalwazzjoni u aġġustament tal-effettività u d-dissważività tas-sanzjonijiet.

**11** Il-pajjiżi kollha għandhom isaħħu l-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza u jiżguraw li dawn jistgħu jilħqu l-potenzjal tagħhom fil-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġislazzjoni dwar l-ugwaljanza, fil-promozzjoni tal-ugwaljanza fis-soċjetà u fit-tfassil tal-politika, fil-ħidma ma' dawk li għandhom id-dmir li jħaddnu prattika tajba u fil-ġbir u l-analiżi tad-data u l-evidenza biex jipprovdu għarfien espert. Dan għandu jinkludi t-twessigħ tal-mandat tal-korpi tal-ugwaljanza fl-oqsma kollha ta' diskriminazzjoni, tiġi żgurata l-indipendenza, l-aċċessibilità u livell suffiċjenti ta' riżorsi. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza u r-Rakkomandazzjoni tal-Politika Ġenerali Nru 2 tal-ECRI dwar Korpi tal-Ugwaljanza għall-Ġlieda kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza fil-Livell Nazzjonali għandhom jitqiesu bħala standards minimi li għandhom jiġu implimentati bis-sħiħ mill-pajjiżi kollha.

EQUINET
European Network
of Equality Bodies

Equinet huwa n-network Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza, organizzazzjoni li tiġbor flimkien 49 korp tal-ugwaljanza fl-Ewropa inkluż l-istati membri kollha tal-UE. Il-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza huma organizzazzjonijiet pubbliċi li jassistu l-vittmi ta’ diskriminazzjoni, jimmonitorjaw u jirrappurtaw kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni u jikkontribwixxu għal aktar għarfien dwar id-drittijiet u l-valur tal-ugwaljanza fis-soċjetà. Dawn huma marbutin legalment li jagħmlu dan b'rabta ma' waħda, uħud, jew it-tipi kollha tad-diskriminazzjoni koperta mil-liġi tal-Unjoni Ewropea (UE) abbażi ta’ sess, razza u etniċità, età, orjentazzjoni sesswali, reliġjon jew twemmin, u diżabilità.


www.equineteurope.org

info@equineteurope.org

facebook.com/EquinetEurope

@equineteurope


NCPE